# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 643/2016 MH**

**Illum, 1 ta' Novembru, 2017**

**Vincent Abela (348574M)**

**vs**

**Alfred Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pjazza Antiques Limited (C 23706)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attur tat-2 t' Awwissu, 2016** permezz ta' liema ppremetta:

*"Illi l-Konvenuti kien sofret serq mill-hanut okkupat u gestit minnhom bejn is-6 u 8 ta' Awissu 2011, fejn fis-serqa gew naqsin diversi oggetti ta' valur;*

*Illi jidher li s-serqa wetqet minn Glen Debattista, Ryan Debattista u Carmel Hartley u gew imresqa l-Qorti;*

*Illi l-Konvenut li ghandu negozju ta' bejgh ta' vetturi, kien xtara xi oggetti zghar ta' deheb minghand Carmel Hartley, li wara irrizulta li dawn l-oggetti ma kienu parti mis-serqa u b'hekk qatt ma kienu propjeta tal-Konvenuti;*

*Illi minhabba dan, l-Attur kien dahal fi problemi kbar u kien akkuzat bi ricetazzjoni. Il-Konvenuti kienu intavolaw kawza kontra l-Attur fi Alftred Borg pro et noe -v- Glen Debattista et (Rikors Guramentat Nru 870/12 CFS);*

*Illi l-Konvenuti kienu intavolaw mandat ta' inibizzjoni (Nru: 1285/12), mandati ta' sekwestru (Nru: 836/12 u 165/13 LFS) u mandate ta' qbid (831/2 TM) kontra l-Attur ghas-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin elf u mitejn u tmienja u ghoxrin Euro (€525,248). Dawn il-mandati poggew lill-Atturi fi problemi finanzarji kbar, kif ukoll problemi ta' sahha minhabba l-inkwiet kbir li spicca fih;*

*Illi fis-17 ta' Mejju 2013, il-partijiet dahlu f'att pubbliku redatt min-Nutar Dr John Gambin (Dok A), fejn il-mandati hawn fuq imsemmija gew revokati permezz ta' kontro-mandat, bil-kundizzjoinijiet onoruzi fosthom li s-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) li gew depositati l-Qorti minhabba l-mandati ta' sekwestri, kellhom jibqghu depositati l-Qorti u gew registrati ipoteki specjali fuq propjetajiet il-Hamrun;*

*Illi l-Attur dejjem ipprotesta l-innocenza tieghu. L-innocenza tieghu u n-nuqqas ta' involvement f'xi attivita kriminali hareg sew fl-azzjonijiet penali u anki civili. Tant hu hekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fi 24 ta' Mejju 2016, illliberat l-Attur mill-akkuzi kriminali li gew dedotti kontra tieghu. Mill-atti processwali tal-kawza civili huwa wkoll nieqes minn evidenza kontra l-Attur. Minkejja dan il-Konvenuti qed izzomm bhala kawtela aktar minn nofs miljum Euro u dan certament qed isir abbuzivament u illegalment.*

*Ghaldaqstant, l-Attur jitlob lil dina l-Onorabbli sabiex:*

1. *Tiddikjara li l-Konvenuti huma responsabbi ghad-danni imwettaw lill-attur*
2. *Tillikwida d-danni hawn fuq imsemmij*

3. *Tikkundanna l-Konvenuti jhalsu lill-Attur d-danni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti*

*Bl-ispejjes, il-kovenuti mharka ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenut Alfred Borg pro et noe tat-18 ta' Jannar 2017**[1] permezz ta' liema eccepixxa:

*"(1) Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.*

*(2) Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi hija manifestament insostenibbli billi l-att li minnu qed jilmenta l-attur huwa wieħed minnu volontarjament kuntrattat, u kwindi volenti non fit iniuria.*

*(3) Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, u fil-meritu, it-talbiet attriċi għandhom kollha jiġu respinti billi l-eċċipjenti m'humiex responsabbli għad-danni versu l-attur.*

*(4) Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, u wkoll fil-meritu, it-talbiet attriċi huma kollha nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u kwindi għandhom jiġu respinti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni."*

[1] Fol 31 et seq

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat illi l-kaz huwa differit ghall-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut *pro et noe* dwar il-preskrizzjoni;

Rat illi dwar din l-eccezzjoni l-partijiet iddikjaraw li l-atti huma sufficjenti bhala prova[2];

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni[3];

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum l-attur, negozjant fil-bejgh ta' vetturi, jghid li huwa xtara xi oggetti zghar tad-deheb minghand persuna u minhabba f'hekk spicca fi problemi kbar peress li tali persuna flimkien ma' ohrajn sussegwentement ghaddew proceduri kriminali minhabba serq mill-hanut tal-konvenut, u l-attur kien gie akkuzat b'ricettazzjoni. Inoltre, l-konvenut odjern intavola anke proceduri civili kontra l-attur, kif ukoll mandat kawtelatorju fuq ammonti sostanzjali ta' flus li poggew lill-attur fi problemi finanzjarji kbar u anke ta' sahha. Eventwalment il-partijiet f'din il-kawza iffirmaw ftehim li permezz tieghu gie rtirat il-mandat kawtelatorju taht diversi kundizzjonijiet. L-attur dejjem sahaq fuq l-innocenza tieghu tant li hu gie liberat mill-akkuzi kriminali li kienu saru kontra tieghu. Nonostante dan il-konvenut qed izomm favurih aktar minn nofs miljun Ewro bhala kawtela tal-pretensjonijiet tieghu u dan, skont l-attur, b'mod abbuziv u llegali. L-attur qieghed ghalhekk ifittex lill-konvenut ghad-danni minnu sofferti minhabba dan l-allegat agir.

Minn naha tieghu il-konvenut *pro et noe* jichad il-pretensjonijiet attrici u jressaq eccezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Huwa jeccepixxi fl-ewwel

---

[2] Verbal a fol 37

[3] Seduta tas-17 ta' Mejju 2017

lok il-preskrizzjoni tal-azzjoni, l-insostenibilita' tal-azzjoni, u fil-mertu jichad li huwa responsabbli ghad-danni veru l-attur.

Mill-atti sa issa jirrizulta li:

i. Skont il-**verzjoni tal-attur fl-affidavit tieghu**[4], **lejn l-ahhar tas-sena 2011** gie avvicinat minn certu Charles Hartley gewwa x-*showroom* tieghu tal-karozzi f'Hal Qormi u xtara minghandu xi bicciet tad-deheb, liema deheb huwa eventwalment biegh wara li rreklamah fuq sit socjali. Xi zmien wara, mar ghandu certu Glen Debattista u bieghlu vann. Xhur wara, **f'Gunju 2012** l-attur odjern gie arrestat mill-pulizija u gie nvestigat dwar serq minn hanut tad-deheb fil-Belt Valletta b'valur ta' circa nofs miljun Ewro. **Xahrejn wara** huwa tressaq il-Qorti akkuzat fost ohrajn b'ricettazzjoni. Mill-provi mressqa, fil-fehma tal-attur, kien jidher car li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa li saret minn Charles Hartley, Glen Debattista u iben Debattista. Inoltre huwa jghid li l-oggetti tad-deheb li kien xtara minghand Hartley ma kinux parti mis-serqa li sofra l-konvenut. Huwa gie liberat mill-akkuzi kontrih quddiem il-Qorti tal-Magistrati **fl-10 t'April 2014** u **b'sentenza tal-24 ta' Mejju 2016**[5] il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti. **Fil-31 t'Awwissu 2012**, il-konvenut Alfred Borg kien intavola kawza fl-ismijiet *Alfred Borg pro et noe vs Glen Debattista et*[6] fejn qieghed jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni minghand diversi persuni fosthom l-attur odjern minhabba s-serqa msemmija u ghax fil-fehma ta' Borg, l-attur odjern kien ha pussess ta' dawn l-oggetti misruqa in *mala fede*. Il-konvenut odjern kien intavola wkoll mandati kawtelatorji kontra l-attur;

[4] Fol 18 et seq
[5] Fol 39 et seq
[6] Rik Gur 870/12

ii. **Fis-17 ta' Mejju 2013** gie ffirmat ftehim bejn il-partijiet quddiem in-Nutar John Gambin li permezz tieghu qablu li jitnehha Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ghas-somma ta' €525,248 kontra l-attur odjern taht diversi kundizzjonijiet fejn huwa ghamel ipoteka specjali fuq il-proprjetajiet tieghu u thalliet depozitata l-Qorti s-somma ta' €20,000;

iii. L-attur ikompli jixhed li apparti l-problemi finanzjarji li din il-vicenda dahhlitu fihom huwa sofra konsegwenzi wkoll fuq sahhtu.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel eccezzjoni preliminari** tal-konvenut *pro et noe* tghid hekk –

*"(1) Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.*

Dan l-artikolu jipprovdi hekk -

*"2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz tal-lum hija dik ta' sentejn kif indikata f'dan l-artikolu tal-ligi.

Intqal hekk fil-kaz **Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deciz fit-13 ta' Gunju 2013**[7] **-**

*"Is-socjetajiet konvenuti qed jeccepixxu li l-azzjoni attrici hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi b'terminu ta' sentejn l-azzjonijiet kollha ghad-danni li jirrizultaw minn delitt jew kwazi-delitt……*

[7] Cit 353/05

*[…..]*

*Hu ribadit fil-gurisprudenza taghna li ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz iz-zmien talpreskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin;*

*Hu ghalhekk pacifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodici Civili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726).*

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per ez. "**Calafato vs Muscat**", deciza fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "**Naudi vs Zammit**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "**Calleja vs Xuereb**", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawza "**Borda vs Arrigo Group of Hotels et**", deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, gie konfermat li l-*

*preskrizzjoni applikabbli tkun ta' hames snin jekk id-danni huma rizultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*

*Il-kwistjoni in ezami hija jekk il-kolpa fil-kaz prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kwazi delitt.*

*L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "***Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri***" deciza fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li wiehed mill-kriterji sabiex jigi deciz jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. "(enfasi ta' din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negligenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkazzjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ccitat Laurent li jghallem "Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario."*

*Din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-awturi Baudry-Lacantinerie li jghidu "La prescrizione dell'azione pubblica non si applica all' azione civile se non quando questa abbia esclusivamente per base un crimine, un delitto, una contravvenzione; e' inapplicabile quando l'azione all'infuori di un fatto delittuoso, ha la sua base in un contratto anteriore a questo fatto o in una disposizione di diritto civile."*

*Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilita' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif gie deciz fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "***Vassallo vs Mizzi**

***et**", deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ' ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

*Ukoll fil-kaz fl-ismijiet "**Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et.**" (deciza fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110) gie deciz li "ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u htija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kwazidelitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale."*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.*

*L-awtur Andrea Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita'*

*contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale. Din ic-citazzjoni hija citata f'diversi sentenzi recenti tal-Qrati taghna u, ghall-iktar carezza, qed tigi hawnhekk abbraccjata wkoll minn din il-Qorti:*

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". L-awtur jispjega li fl-ambitu tar-responsabbilita' "extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*

Esposti dawn il-principji generali fil-gurisprudenza, l-Qorti tinnota li l-unika divergenza bejn il-partijiet odjerni hija dwar il-perjodu li minnu bdiet tiddekorri din il-preskrizzjoni.

L-artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi li -

*"2137. Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

L-attur isostni li s-sentejn preskrizzjoni bdew jiddekorru minn dakinhar li nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tieghu u cioe' **mill-24 ta' Mejju 2016**. Dan ghaliex fil-fehma tieghu id-dritt tieghu ghal azzjoni ghad-danni seta' jibda biss minn dakinhar li l-liberatorja tieghu mill-proceduri kriminali saret *res judicata*. Ghalhekk ghalih minn meta il-Qorti kristallizat b'mod finali l-innocenza tieghu. Ghall-attur minn dak il-mument 'il

quddiem, **izda mhux qabel,** ma kien fadal ebda lok li l-proprjeta' msemmija fl-att pubbliku tas-17 ta' Mejju 2013 tibqa' marbuta sakemm jigu decizi l-proceduri civili l-ohra naxxenti mill-episodju tas-serqa mill-hanut tad-deheb tal-konvenut pro et noe odjern - Rik Gur 870/12 *Alfred Borg pro et noe vs Glen Debattista et.* L-argument tal-attur huwa li la wara dik is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, il-konvenut odjern qed jirrifjuta li jirrilaxxa l-irbit tal-proprjeta' ndikata fl-att pubbliku msemmi, allura skatta d-dritt tal-istess attur li jfittex ghad-danni. Ghall-attur, la l-kawza odjerna giet intavolata fit-2 t'Awwissu 2016, u cioe' inqas minn tlett xhur wara l-ghoti ta' tali sentenza, allura l-kawza mhijiex preskritta.

Ta' opinjoni ferm diversa huwa l-konvenut *pro et noe*. Huwa jsostni li l-fatt allegatament leziv li *se mai* wassal ghall-proceduri odjerni jipprecedi sahansitra l-att pubbliku li sar bejn il-partijiet fis-17 ta' Mejju 2013. Skont il-konvenut, il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn meta gie ntavolat l-att ta' sekwestru kawtelatorju (1203/12) ghas-somma ta' €525,248 mill-konvenut odjern kontra l-attur odjern, ghax kien proprju minhabba dan il-mandat li eventwalment sar il-kuntratt tal-2013 fuq imsemmi. Infatti, skont il-konvenut *pro et noe* kienet proprju din l-azzjoni kawtelatorja mehuda mill-konvenut odjern li wasslet biex l-attur jintrabat bil-ftehim tal-2013 li issa qed jilmenta minnu l-attur fil-kawza. B'hekk, skont il-konvenut, la d-dritt t'azzjoni kien jezisti sa minn qabel l-2013, il-kawza hija certament preskritta.

Elenkati l-pozizzjonijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti sejra tghaddi biex tevalwa l-principji gurisprudenzjali applikabbli.

Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deciz fit-28 t'April 2016**[8] **-**

---

[8] Rik Gur 1051/2007

*L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni. Dan il-principju huwa mibni fuq il massima li "actio non natae non praescribititur"*[9] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta ghall-impossibilita` li jagixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li tterminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu ghall-kawzi guridici li jistghu ikunu ta' xkiel ghall-azzjoni u mhux ghal kawzi purament fattwali, per ezempju, ghal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soggettiv diment li dawn ma jqeghduhx fl-impossibilita` li jagixxi."*

Fil-kaz **Joseph Caruana et vs Dominic Cutajar et deciz fit-8 t'Ottubru 2014**[10] il-Qorti kompliet li-

*"……kif intqal fil-kawza fl-ismijiet* ***Anna Vella vs Eric Darmanin*** *(deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla, mill-Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco, fl-10 ta' Dicembru, 2012):*

[9] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003
[10] Cit Nru 398/05

*“Japplika wkoll il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta’ azzjoni processwali tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (Xuereb vs Zammit, Appell Kummercjali, 9 ta’ Marzu 1994),*

*Di piu’ fil-kaz* **Kuludrovic vs Muscat***, deciza fl-1 ta’ Gunju 1959, il-Qorti tal-Appell Kummercjali per President Anthony Mamo, irriteniet:*

*“***Bianco vs Demarco***”, deciza fit-2 ta’Gunju 1930 fuq l-awtorita’ tal-Pugliese, ‘la subordinazione di un ‘ azione ad un’altra puo aver luogo o perche’ l’accertamento di un diritto sia l-antecedente logico e neccessario per l’esercizio di un altro diritto o perche’ l-esercizio di una data azione non sia permesso dalla legge se non dopo che siasi esaurito il giudizio intorno ad un altro rapport guiridico a cui l-azione si riconette” Meta dan jigri kif appuntu fil-kaz prezenti, il-preskrizzjoni ghar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa’ sospiza “ Se l’ esercizio di una azione dipende dall’esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio constituisce legali impedimento all’esercizio del diritto e sospende la prescrizione “” (Fadda art 2120 no. 120 Ara wkoll ibid art. 2119 nri 11, 17, 53, 103, 122);”*

A bazi ta’ dawn il-principji l-Qorti tqis li t-tezi tal-attur ma tistax tregi.

Kif jenfasizza l-attur stess fir-rikors guramentat, huwa “*dejjem ipprotesta l-innocenza tieghu. L-innocenza tieghu u n-nuqqas ta’ involvement f’xi attivita kriminali hareg sew fl-azzjonijiet penali u anki civili. Tant hu hekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fi 24 ta’ Mejju 2016, illiberat l-Attur mill-akkuzi kriminali li*

*gew dedotti kontra tieghu."* Din id-dikjarazzjoni hija ghalhekk ammissjoni cara anke da parti tal-attur stess li kulma ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha kien li kkonfermat dak il-fatt li huwa kien ilu jsostni gia sa mill-bidu nett u ghalhekk ma "nholoq" ebda dritt t'azzjoni permezz taghha jew ghad-direttura gie imfixkel jew sosspiz xi dritt t'azzjoni pertinent lill-attur. Fil-kaz **Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et deciz fis-26 ta' Gunju, 2015**[11] il-Qorti qalet hekk –

*"Trattat l-appell, din il-Qorti tara li ma tistax taqbel mat-tezi attrici. Hu car li [-artikolu ta' preskrizzjoni invokat hu dak applikabbli ghall-kaz, u fil-principju, il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza issir taf bih. L-atturi jinvokaw il-principju contra non valentem agere non currit praescriptio. Il-ligi taccetta dan il-principju f'kazijiet limitati biss, pero`, mhux eskluz mill-gurisprudenza l-applikazzjoni b'mod generali tal-principju f'kazijiet kongruwi.*

*Fil-kawza Montanaro Gauci et v. Rapa et deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2014, intalbet l-applikazzjoni ta' dan il-principju fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni derivanti minn okkupazzjoni illegali ta' fond. Il-konvenuti eccepew illi l-azzjoni kienet preskritta, bl-atturi jinvokaw is-sospensjoni tat-terminu tul il-kors tal-kawza precedenti ta' zgumbrament. Din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:*

*"Fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, il-gurisprudenza hi konformi li, fil-fatt, huwa dan it-terminu applikabbli ghall-kaz. Il-kwistjoni, f'dan il-kaz, hija jekk dan it-terminu kienx sospiz tul iz-zmien li hadu dawn il-qrati sakemmm iddecidew il-fatt li l-okkupazzjoni tal-fond kien minghajr ebda titolu.*

[11] 508/10

*Tezisti gurisprudenza li tghid li, f'kazijiet simili, id-dekorriment taz-zmien ta' preskrizzjoni ma setax jghaddi hlief mid-data tad-definizzjoni tal-azzjoni li stabbiliet l-ezistenza tal-okkupazzjoni bla titolu. Il-konvenuti appellanti, gustament fil-fehma ta' din il-Qorti, jikkritikaw din il-linja gurisprudenzjali. Fi studju interessanti u ta' min ifahhru, l-appellanti, tramite l-avukat taghhom, urew kif l-istitut contra non valentem agere non currit praescripto kellu origini enigmatika u dam ma gie accettat fi Franza (li ghandhom Kodici Civili jixbah lil taghna, il-Kodici Napuljun), u meta gie eventwalment accettat, inghata interpretazzjoni stretta, u meqjus li jkun applikabbli biss bhala eccezzjoni limitata ghar-regola li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghaddi minn dak inhar li sehh l-fatt in kwistjoni.*

*Hawn Malta dan il-principju huwa wkoll accettat, pero`, kif qalet din il-Qorti fil-kawza*

***Xuereb v. Zammit**, deciza fid-9 ta' Marzu, 1994, il-preskrizzjoni tkun sospiza biss fejn sentenza tal-Qorti tohloq id-dritt tal-azzjoni, u mhux fejn sempliciment tiddikjara l-ezistenza ta' fatt, u cioe`, tistabbilixxi x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel ma beda l-procediment."*

*Dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **Xuereb v. Zammit** imsemmija jinsab kwotat fis-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'din il-kawza.*

*F'dan il-kaz, is-sentenza li tat il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2008, ma holqot ebda dritt ghall-atturi prezenti, izda ddikjarat dak li kien ovvju minn qabel, u cioe`, li l-konvenuti, allura atturi, ma setghux ma kienux jafu li l-atturi, allura konvenuti, ma kienux responsabbli ghall-hsarat lamentati. Jekk kellha tkun ovvja ghall attwali konvenuti li l-azzjoni taghhom kienet frivola u vessatorja, daqshekk kellha tkun ovvja ghall-atturi prezenti, li kellhom, allura, jikkawtelaw il-pretenzjoni taghhom ghad-danni, imqar bi spedizzjoni ta' ittra ufficjali interpellatorja kull sentejn.".*

Fil-kaz **Eleni Papadopoulou noe vs Direttur Generali ta' l-Artijiet u Registru Pubbliku et deciza fil-31 ta' Jannar 2014**[12] il-Qorti kompliet hekk -

*"….id-duttrina u l-gurisprudenza, in omagg ghall-principju Ruman contra non volentem agere non currit prescriptio, accettaw, f'certi cirkostanzi limitatissimi, li jistghu jezistu cirkostanzi li jissospendu l-mixja tat-terminu ta' preskrizzjoni. Wahda minn dawn ic-cirkostanzi hija meta d-dritt tal-azzjoni jinholoq f'kawza, b'mod li allura wiehed ikun fl-impossibbilita` li jagixxi qabel ma tigi deciza dik il-kawza.*

*Dan ma jfissirx, pero`, li meta sentenza semplicement "tirriserva" dritt ta' azzjoni si et quatenus, bhal ma gara f'dan il-kaz, hi tkun qed "tohloq" xi dritt ta' azzjoni li ma kienx jezisti qabel. Meta ssir riserva si et quatenus, kull ma jsir hu li l-Qorti tkun qed tirriserva lill-parti dritt ta' azzjoni jekk jezisti u jekk disponibbli, pero`, ma tkun qed taghti ebda drittijiet godda lil dik il-parti jew b'xi mod tirriavviva dritt ta' azzjoni li jkun gia` skada.*

*F'dan il-kaz, id-dritt ta' azzjoni ghad-danni konsegwenza tal-allegat agir negligenti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ma nholoqx mid-decizjoni ta' din il-Qorti, izda mill-allegat ommissjoni tad-Direttur. L-ezitu tas-sentenza fil-kawza l-ohra ma holoq ebda dritt ta' azzjoni konsegwenzjali favur l-istess atturi sabiex jipprocedu b'din l-azzjoni ghar-rizarciment tad-danni, u kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Mohnani v. Galea****, deciza fil-21 ta' April, 2009, b'kumment li jghodd ukoll ghal dan il-kaz, "ma kien hemm xejn x'izomm lill-atturi milli, imqar b'ittra ufficjali, jwaqqfu kull darba l-moghdija ta' dak iz-zmien". Fl-istess sens huwa l-kumment tal-istess Qorti fil-kawza* ***Chircop et v. Naudi et****, deciza fid-29 ta' April, 2010, fejn inghad illi "ma kien hemm xejn li kien jipprekludi lill-atturi milli jharsu d-dritt ta' azzjoni taghhom bla ma jistennew l-ezitu tal-kawza l-ohra" (ara wkoll* ***Vella v. Camilleri****, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2003).*

[12] App Nru 546/2008

*Il-pozizzjoni korretta ta' meta l-preskrizzjoni tigi sospiza, giet iccarata minn din il-Qorti fil-kawza* **Xuereb v. Zammit**, *deciza fid-9 ta' Marzu 1994, fejn intqal hekk: "... meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliciment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."*

Tal-istess linja ta' hsieb kienet il-Qorti fil-kaz fl-ismijiet **Maria Concetta sive Mari Shires vs Direttur tar-Registru et deciza fis-26 ta' Novembru 2015**[13].

Dwar It-trapass taz-zmien kif ikkunsidrat fl-artikolu 2137 in ezami inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Mohnani vs. Stivala** deciza fil-11 ta' Gunju, 2010 illi:

*"_ _ _ jibda biex jigi registrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, "bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt tal-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna tal-attur u cioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni" ("Raphel Micallef -vs-Anthony Agius", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbaghad, "iz-zmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1953"*

Mis-sustanza tal-premessi fir-rikors guramentat l-Qorti tqis li l-ilment li skont l-attur irrekalu d-danni u li taghhom qed jitlob rizarciment fil-proceduri odjerni

---

[13] Nru 621/14

huwa proprju z-zamma da parti tal-konvenut *pro et noe* ta' aktar minn nofs miljun Ewro b'mod allegatament abbuziv u illegali. Isegwi li l-"fatt" li minnu skatta d-dritt t'azzjoni tal-attur u li minnu bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni huwa l-mument minn meta bdew jinzammu bhala kawtela dawn il-flejjes mill-konvenut pro et noe. L-att li bih sehh dan il-fatt huwa proprju l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju nru 1203/12 fl-ismijiet *Alfred Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Pjazza Antiques Ltd vs Glen Debattista et* ghas-somma ta' €525,248.

Id-data preciza tal-prezentata ta' dan il-Mandat ma tirrizultax mill-atti peress li dan il-Mandat ma giex formalment prezentat, madankollu minn verifiki li ghamlet il-Qorti jirrizulta li dan gie prezentat **fit-13 t'Awwissu 2012**. Ghaldaqstant, huwa minn dik id-data li *se mai* skatta l-fatt allegatament illecitu li minnu dderiva dannu lill-attur odjern, u huwa konsegwentement minn dakinhar ukoll li huwa meqjus li nibet id-dritt tal-attur li jissalvagwardja l-interessi u d-drittijiet tieghu fir-rigward ta' tali fatt. Ghal kull buon fini jinghad li kulma ghamel il-ftehim tas-17 ta' Mejju 2013 kien li jirregola pattijiet u l-kundizzjonijiet godda ta' kif kellha tibqa' kawtelata s-somma mertu tal-mandat fil-konfront tal-attur odjern, u dan primarjament bis-sahha ta' ipoteki specjali da parti tal-attur odjern a favur il-konvenut Borg.

Issa jekk l-attur kien jippreferi jistenna l-ezitu tal-kawza kriminali fil-konfront tieghu sabiex ikun jista' jsahhah il-bazi tal-azzjoni tieghu bi prova ulterjuri, huwa kien certament liberu li jaghmel dan. Madankollu, u kif issottolineat anke fil-gurisprudenza citata, kien jinkombi fuq l-istess attur li fil-frattemp jissalvagwardja l-interessi u d-drittijiet tieghu almenu permezz ta' ittri ufficjali sabiex il-preskrizzjoni tigi nterrotta. Fic-cirkustanzi la mit-13 t'Awwissu 2012 u cioe' d-data tal-prezentata tal-Mandat ta' Sekwestru sat-2 t'Awwissu 2016 meta giet intavolata l-kawza odjerna ghaddew sew iktar minn sentejn, il-kawza attrici ghad-danni hija meqjusa preskritta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut pro et noe; u**

**2. Tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-attur.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Deputat Registratur**